Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 402/2015

Il-Pulizija

Spettur Keith Arnaud

Vs

Kevin Templeman

Illum 26 ta' Mejju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Kevin Templeman detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 477076 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-wiehed u tletin ta` Awwissu, 2011, ghal habta ta` nofs inhar, fi Triq Regjonali, Msida, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi ipprova jahrab mill-kustodja tal-Pulizija waqt li kien mizmum skond il-ligi, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb fuq l-iSpettur Keith Arnaud u PS435 David D'Amato, li hija vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li jkunu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-iSpettur Keith Arnaud u PS435 David D'Amato, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom konta l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta` wiehed li jkun inkarigat minn servizz jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliehomx jaghmlu dak li b'ligi jkun ordnat jew jistghu jaghmlu, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma kienux jistghujaqghu that id-disposizzjonijiet ohra tal-Kodici Kriminali jew ta` Ligi ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu jew xort'ohra, kellu fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu sikkina jew strument li jaqta` jew bil-ponta minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Lulju, 2015, fejn il-Qorti sabet lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 t' Awwissu, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok, in vista tal-kunsiderrazzjonijiet imsemmija aktar l' fuq, tghaddi sabiex issib lill-appellat hati tal-imputazzjoniijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u sussegwentament tghaddi sabiex tinfiggi dik il-piena idoneja fic-cirkostanzi tal-kaz odjern u dana ghall-ahjar interess tal-gustizzja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fis-sitta (6) t' Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) l-atti processwali tal-proceduri fl-ismijiet premessi u hassu aggravate bihom b' mod car u manifest in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazing tal-provi mressqa quddiema u dana anke fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna fir-rigward tal-mertu odjern. Dawn qed jinghad il-ghaliex l-Ewwel Onorabbli Qorti strahet unikament fuq ix-xhieda ta' l-imputat (fejn iddikjara illi huwa ma kienx jaf illi l-Ispettur Arnaud u s-Surgent D' Amato kienu verament Pulizija) u dan minghajr ma kunsidrat numru ta' fatti kif sehhew u dana fid-dawl ta' gurisprudenza tal-Qrati Maltin.

Illi fl-ewwel lok, f'dan ir-rigward, l-esponent jaghmel riferenza ghal dak illi jinghad mill-Professur Mamo fin notamenti tieghu dwar wiehed mill-elementi tar-reati ai termini tal-artikolu 95 u 96 tal-Kodici Kriminali u cioe' il-fatt illi l-vittma jrid ikun ufficjal pubbliku jew persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fejn iddikjara:

> 'This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person'

Illi in oltre s-sentenza mghotija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuseppe Borg ddikjarat:

> 'Nel reato di oltaggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specific desunto dal fine del' agente, e' neccessario ad integrare l-elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell' oltraggiato, ma questa scienza puo' sussitere independentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse o no la divisa dellasua carica al tempo dell oltraggio; di giusacche' il reato puo avverarsi anche se l' ufficiale non indossare tale divisa a

> patto, ben inteso, che risulti della scienza nell' oltraggiante della qualita' ufficiale dell' oltraggiato.'

L-insenjament ta' dina s-sentenza hawn fuq imsemmija dwar l-identifikazzjoni tal-vittma bhala pulizija ai fini tar-reati ai termini tal-Artikoli 95 u 96 tal-Kodici Kriminali baqa' jigi applikat mill-Qrati Maltin ghal sitwazzjonijiet simili sallum il-gurnata. B'hekk fil-fehma ta' l-esponent, irrispettivament mill-verzjoni ta' l-appellat, irrid isir analizi tal-fatti tal-kaz kif sehhew sabiex jigi determinat jekk fil-hin ta' l-incident mertu tal-proceduri odjerni l-appellat setgha ragenovelment ma kienx konxju tal-istatus ta' Pulizija ta' l-Ispettur Arnaud u s-Surgent D' Amato. L-istess analizi hija wkoll krucjali sabiex jigi determinat jekk ix-xhieda mghotija mill-appellat hijiex verosimili jew altrimenti.

Illi fil-kunsiderazzjonijiet tagha sabiex jigi stabbilit dan il-fattur, l-ewel Onorabbli Qorti strahet unikament fuq dak illi ddikjara l-appellat u injorat ghal kollox fatti ohra (li sahansitra ma dehrux li kienu kontestati bejn il-partijiet) liema fatti juru bic-car illi minkejja dak illi kien qed jiddikjara l-appellat fix-xhieda tieghu huwa ma setghax ma kienx konsapevoli fil-hin ta' l-incident illi l-Ispettur Arnaud u s-Surgent D' Amato kienu effettivament 'Pulizija'.

Illi b' riferenza ghall-fatti tal-kaz, jidher illi m' huwiex ikkontestat bejn il-partijiet illi l-Pulizija, vittmi fil-kaz odjern, u cioe l-Ispettur Arnaud kif ukoll is-Surgent D' Amato, ma kienux lebsin uniformi ta' Pulizija dakinhar ta' l-incident, izda kienu pajzana u anke kienu qed isuqu karozza pajzana. Mhuwiex ikkontestat ukoll illi, ghalkemm il-badge ta' Pulizija giet murija mill-Pulizija wara l-kommossjoni li nqalet fejn ir-roundabout ta' l-Universita' meta l-appellat ipprova jahrab mill-karozza, l-Ispettur Arnaud verbalment identifika immedjatament ruhu hekk kif iltaqa ma l-appellat bhala Pulizija. Fil-fatt jirrizulta illi l-Ispettur Arnaud cempel lill-appellat fuq il-mobile, identifika lilu nnifsu u ftiehem mal-appellat post fejn kienu ser jiltaqghu. Hekk kif waslu fuq il-post miftiehem, l-appellat kien gia qed jistennihom barra. Ghalkemm il-karozza misjuqa mill-Ispettur Arnaud kienet pajzana, l-qua appellat xorta iddentifika l-istess karozza bhala karozza tal-Pulizija.

Dana huwa stabbilit ex admissis min-naha ta' l-appellat fl-istqarrija li huwa rrilaxxa lill-Pulizija wara li ha parir legali, fejn iddikjara:

> D: Naqblu li inti taf li ahna konna CID ghax fil-fatt, bhalma ghedt inti stess ilbierah, quddiem is-Supretendent Valletta, inti gharaft mal-ewwel li kienet karozza tas-CID?
>
> T: jiena dak il-hin f' mohhi ghedt li kienet karozza tal-Pulizija u li intom kontu Pulizija u rkibt.

Dan huwa kkonfermat bl-agir ta' l-istess appellat hekk kif lemah il-karozza misjuqa mill-Ispettur Arnaud. Fil-fatt l-appellat mexxa huwa stess lejn l-istess karozza u dahal wahdu gol-karozza tal-Pulizija, war li l-Ispettur Arnaud reggha kkonferma verbalmet illi huwa l-Ispettur Arnaud (l-istess persuna li ghadu kif kellmu fuq it-telefon) u dana minghajr ma l-istess appellat staqsa lill-Pulizija biex juruh badge sabiex jikkonferma illi huma Pulizija. Fi triqithom lejn id-depot tal-Pulizija, is-Surgent D' Amato ghaddielu l-Mandat t' Arrest iffirmat mill-Magistrat; gie nfurmat li qed jigi arrestat u nghatawlu d-drittijiet tieghu skond il-ligi. Bhala document, il-mandat t' Arrest, wahdu huwa ragonevolment bizzejjed sabiex persuna li jkollha dubbju dwar l-identita' taghhom bhala Pulizija twarrab l-istess dubbju. Di piu' hekk kif inghatatlu r-raguni l-ghaliex qed jigi arrestat, huwa ma kienx sorpriz, izda ddikjara illi basar li kienet propju dik ir-raguni il-ghaliex il-Pulizija riedu jkellmuh. Dan juri bic-car illi l-appellat ma setghax ikollu dubbju illi l-Ispettur Arnaud u s-Surgent D' Amato kienu effetivament Pulizija, u dana ghaliex is-suggett tal-arrest ma kienx ta' sorpriza ghalih, izda kuntrarjament kien konsapevoli tighu (cioe b' certu attivita kriminali li kienet qeghda tigri fil-blokka t' appartamenti fejn kien jirresjedi). Ghaldaqstant, l-attegjement tal-appellat sa dak il-hin kien juri bic-carilli huwa ma kellu l-ebda dubbju illi l-Ispettur Keith Arnaud u s-Surgent D' Amato kienu effetivament Pulizija.

Illi mhijiex verosimili l-verzjoni ta' l-appellat illi ghax l-Ispettur Arnaud ma tahx permess icempel lil ommu fil-karozza (izda qallu issa ccemplilha la naslu d-depot) l-appellat iddubita jekk dawk il-persuna effetivament kienux

il-Pulizija jew le u ghaldaqstant ha l-azzjoni drastika illi jipprova johrog minn karozza waqt illi dina kienet mixja. F' kaz illi kieku vera l-appellat kellu dan id-dubbju l-inqas haga illi setgha jaghmel kienet illi jsaqsi ghall-badge jew forma ohra ta' identifikazzjoni.

Illi, jrid jinghad ukoll illi wara l-incident hawn fuq imsemmi, mhijiex verosimili dak illi ddikjara l-appellat fix-xhieda tieghu u cioe li kkallma ghax l-Ispettur urieh il-badge li tiddentifikah bhala pulizija. Dana ghaliex l-appellat ma setghax jaghmel mod iehor hlief I jikkalma mal-mument li gie mmanettjat (gie kostrett).

Illi ghal kull buon fini, l-esponent jaghmel referenza ukoll ghall-fedina penali ta' l-appellat illi turi illi l-qua appellat gia instab hati ta' reati simili u ghaldaqstant kien ben konxju tac-cirkostanzi li kien fihom u tal-konsegwenzi ta' l-agir tieghu.

Illi in vista ta' dawn il-fatti kollha, l-esponent huwa tal-fehema, illi fic-cirkostanzi hawn fuq imsemmija l-ebda persuna, b' mod ragonevoli, ma kien ikollha dubbju illi l-Ispettur Arnaud u s-Surgent D' Amato kienu effetivament Pulizija u ghaldaqstant l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellha qatt tilliberha l-appellat mill-ewwel erba' akkuzi addebitati fil-konfront tieghu galadarba l-elementi kollha tal-imsemmija reati gew ppruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi fir-rigward tal-hames imputazzjoni u cioe illi l-appellat garr 'il barra minn xi fond jew id-ditorni tieghu jew xort' ohra, kellu fil-pussess jew that il-kontroll tieghu sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija'. L-esponent huwa tal-fehema illi in vista tax-xhieda mghotija minn WPS 102 Ruth Magro (fol. 62 tal-atti processwali odjerni) kif ukoll in vista tal-fatt li l-appellat instab fil-pussess ta' mus mill-Pulizija in flagrante delicto, l-istess appellat kellu jinstab hati ta' dan ir-reat addebitat fil-konfront tieghu wkoll.

Ikkunsidrat;

Illi dan hu appell ta'l-Avukat Generali mis-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fejn jilmenta mill-liberatorja ta'l-appellat ghall-akkuzi migjuba fil-

konfront tieghu billi huwa tal-fehma illi l-Ewwel Qorti malament accettat l-verzjoni moghtija mill-appellat fil-kors tax-xhieda tieghu minghajr ma hadet in konsiderazzjoni l-provi l-ohra li kien hemm fl-atti li kienu qed jippuntaw fid-direzzjoni l-opposta. Dan ghaliex jidhirlu illi l-appellat kien jaf ben tajjeb fil-mument meta gie akkostat mill-pulizija illi dawn kienu membri tal-korp tal-pulizija tant illi huwa hass fl-ewwel mument li kellu jobdi l-ordni moghtija minnhom u jirkeb fil-vettura maghhom biex jittiehed lejn il-kwartieri generali tal-pulizija ghall-interrogazzjoni. Kien biss matul it-tragit lejn id-depot illi l-appellat dehrlu illi kellu jirresisti l-arrest tieghu hekk kif huwa gie mghoddi kopja tal-mandat ta'l-arrest u gie michud lilu f'dak il-mument it-talba sabiex icempel lil ommu fejn allura jallega illi gieh suspett illi z-zewg persuni li kien rikeb maghhom fil-vettura ma kenux pulizija u li kien qed jigi imbekkat sabiex jigi misruq billi kellu ammont konsiderevoli ta' flus fuqu.

Illi ghalkemm huwa ferm odjuz illi qorti fi stadju ta' revizjoni tirrimpjazza dik id-diskrezzjoni uzata mill-Ewwel Qorti meta giet biex taghmel evalwazzjoni ta' provi, madanakollu din il-Qorti trid taghmel ezercizzju sabiex tistabilixxi jekk dak l-apprezzament kienx wiehed li seta' legalment u ragjonevolment isir fid-dawl tal-provi li hemm fl-atti.

Issa l-appellat jallega illi huwa irrezista l-arrest meta gieh id-dubbju illi iz-zewg persuni li kienu qed jakkompanjawh fil-vettura ma kenux verament ufficjali tal-pulizija kif kienu infurmawh u cioe' li kienu l-ispettur Keith Arnaud u is-surgent 435 David D'Amato. Hawnhekk huwa ipprova jahrab meta intenta jinzel mill-vettura f'post traffikuz u perikoluz. Di piu' meta beda jigi imrazzan minn dawn iz-zewg ufficjali huwa kompla jirrezisti tant illi kollha kemm huma sofrew xi griehi f'din il-kolluzzjoni u l-appellat gie imrazzan biss fil-mument li gie immanettjat.

Illi dak li ghandu jigi mistharreg fl-ewwel lok hu jekk l-appellat kienx konxju tal-fatt illi z-zewg persuni jakkompanjawh kenux verament ufficjali tal-pulizija o meno billi dan il-fatt necessarjament huwa wiehed mill-elementi li isawwru l-ewwel erba' reati addebitati lilu fl-akkuza.

Dan ghaliex dawn ir-reati iridu necessarjament jigu kommessi fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu ighid:

"*This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person.*" (sottolinjar tal-Qorti)

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuseppe Borg jinghad:

"*Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato.*" (sottolinjar tal-Qorti).

L-awturi kollha Taljani fosthom il-Maino u il-Carrara isotnu:

"*Non occorre che il pubblico ufficiale vesta la divisa, ma la sua qualita deve essere nota a chi resiste.*"

Illi mix-xhieda ta'l-appellat stess jirrizulta illi wara li kien ftiehem fuq it-telefon mal-ispettur Arnaud fejn kellu jiltaqa' mieghu, kien hu stess li avvicina il-vettura fejn kien hemm l-istess spettur Arnaud u is-surgent D'Amato meta dawn wasslu fuq il-post u mhux vice-versa. Dak il-hin l-appellat mal-ewwel talab illi l-persuna fil-vettura tidentifika lilha innifsha meta staqsieh jekk kienx l-ispettur Arnaud u cioe' il-persuna li kienet ghadha kemm ikkomunikat mieghu fuq it-telefon. Dan ifisser illi hawnhekk l-appellat ceratment kien accerta ruhu illi ma kienx ser jirkeb ma' tnejn minn nies li kienu qed jingannawh biex jisirquh. Dan ghaliex, kif inghad,

huwa stess kien ghamel il-verifiki tieghu dwar l-identita' taghhom u allura kieku kellu xi dubbju kien jitlobhom jara xi dokument ta' identifikazzjoni jew il-badge tal-pulizija, haga li ma ghamilx u rikeb maghhom fil-vettura. Illi kien biss meta is-surgent D'Amato wrieh il-mandat ta'l-arrest, u allura b'dan id-dokument huwa seta iktar jikkonferma illi dawn it-tnejn minn nies kienu pulizija, illi ippanikja u ried akkost ta' kollox jinzel mill-vettura. Fil-fatt ighid hekk fix-xheida tieghu:

"… hadt shock ghax qalli arrestat, ghidltu nista' inkun naf biex jiena arrestat, qalli theddid tat-tfal u thazziz mal-hitan, li m'huwa veru xejn hadt shock iehor bl-akkuza li ghamilli ghax qatt m'ghamilt dawn l-affarijiet."

Fil-fatt minn dawn il-kliem, u dan kif jistqarr l-appellat stess, huwa mal-ewwel induna dwar xhiex riedu ikellmuh il-pulizija billi kellu l-inkwiet mal-gara li joqghodu fl-appartament tieghu, fejn wiehed minnhom ighid li kien membru fil-korp tal-pulizija. Illi di piu, ghalkemm l-appellat ighid illi huwa ikkalma meta l-pulizija wrewh dokument tal-identifikazzjoni, l-ufficjali tal-pulizija ighidu mod iehor u isostnu illi dan gie ikkalmat minnhom stess meta irnexxielhom irazznuh waqt it-taqtiegha li sewgiet u immanettjawh u dan sabiex izommu lill-appellat milli jahrab 'il barra mill-vettura f'nofs triq traffikuza u jipperikola hajjtu. Ighid hekk l-ispettur Arnaud in kontro-ezami:

"Ma nistax nghid li ikkalma ghax urejtu l-ID card, imma li nista' nghid u nikkonferma li kif imbaghad libbisnielu l-manetti u rega' dahal fil-karozza minn hemmhekk imbaghad ikkalma iva."

Stabbilit ghalhekk bhala fatt illi l-Ewwel Qorti erronjament accettat l-verzjoni moghtija mill-appellat li huwa ma kienx jaf illi z-zewg persuni li kienu qed jaffettwaw l-arrest tieghu ma kenux pulizija billi dan mhux verosimili ghaliex ma isibx konfort mill-atti u senjalatament mix-xhieda ta'l-appellat stess, huwa ghalhekk indubitat illi l-appellat ipprova jahrab mill-kustodja tal-pulizija meta huwa gie mgharraf li kien jinsab taht arrest.

Issa fir-rigward ta'l-akkuzi ikkontemplati fl-artikolu 95 u 96 tal-Kodici Kriminali irid jigi puntwalizzat mill-bidu nett illi hemm distinzjoni netta bejn

dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid, fatti li ma humiex ippruvati billi ma jirrizultax illi l-appellat f'xi hin hedded jew ingurja lill-ispettur Keith Arnaud u/jew lil-surgent D'Amato, la permezz tal-fomm u lanqas b'xi gesti intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita that din id-disposijoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

2. Fit-tieni lok ir-reat irrid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun libsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi il-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu ix-xjenza tal-persuna li qed tikkometti dana ir-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti il-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana ir-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

Fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

"*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti".*

Premessi dawn il-gwidi gurisprudenzjali, allura, huwa bil-wisq evidenti illi l-appellat huwa hati ta' dina l-akkuza imfassla fuq ir-reat li jitkellem dwaru l-artikolu 96. Kif gie superjorment deciz:

*"Kuntistabbli li jkollu raguni plawsibbli biex jissuspetta f'individwu hu gustifikat jordna li dak l-individwu li jmur mieghu l-Ghassa tal-Pulizija. Jekk dak l-individwu ma jobdix dak l-ordni, u minflok jaghmel atti ta` rezistenza, anzi ta` attakk, hu jirrendi ruhu hati ta` rezistenza bi vjolenza lill-persuna inkarikata minn servizz publiku waqt li kienet tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi. Xejn ma jiswa li in segwitu dak l-individwu ma jinstabx hati tal-fatt sospettat mal-kuntistabbli. Dan ma jbiddilx l-aspett guridiku; ghax hemm differenza rilevanti bejn dak li jehtieg bhala suspett biex il-Pulizija tista` tiehu passi simili; u dak li jehtieg ghal dikjarazzjoni ta` reita`*[1]*"*

"*Biex ikun hemm ir-reat ta' attakk u rezistenza kontra persuna inkarikata minn servizz publiku, anki r-rezistenza hija bizejjed; basta li dejjem tkun akkompanjata almenu b'vie di fatto ("active force"). Issa kif hemm*

[1] Il-Pulizija vs Pietru Azzopardi – App.Krim.Inf. 07/05/1955

*korrettement spjegat flAnnotazioni alle Leggi Criminali ta'l-Avukat Falzon :- 'L'attacco e' il fatto di prendere l'offensiva, e la resistenza e' il fatto di prendere la difensiva. Si' nell'uno che nell'altro caso e' necessario che abbiano avuto luogo violenza o vie di fatto.*[2]'"

Illi allura l-att ta' resistenza irid necessarjament ikun akkompanjat bil-vjolenza u mhux ikun wiehed biss ta' inazjoni bhal kif jinghad f'din id-decizjoni fejn allura tista' tissarraf biss f'disubbidjenza ghall-ordinijiet legittimi tal-pulizija kif ipprospetta il-Carrara:: "*l'esecutore dice al privato 'deve venire in carcere' e il-privato risponde 'non voglio venire'*. Dan mhux bizzejjed sabiex ifisser ir-resistenza li trid il-ligi. Ikompli jinghad:

"*…. Meta l-imputat irrifjuta persistentement li imur l-Ghassa, beda jezercita grad mhux riprovevoli ta' koazzjoni fizika, allura l-imputat, partikolarment, barra li jithabat, beda jaghti lill-kuntistabbli b'minkbu fuq sidru ghamel resistenza skont il-ligi, li hija kristallizzata fil-massima antika imsemmija mill-Carmigniani fl-"Elementi", pag.865 "resistere est cum lictoribus pugnare." U "pugnare" ghandha tigi interpretata precizament fis-sens li ghall-forza fizika ta'l-awtorita pubblika l-privat jikkontraponi forza fizika kuntrarja.*[3]"

Illi allura meta l-appellat, li kien jaf ben tajjeb illi kien fil-presenza ta' zewg ufficjali tal-pulizija li kienu qed jaffettwaw l-arrest tieghu tant li wrewh anke il-mandat ta'l-arrest, ipprova jahrab mill-arrest u anke ikkaguna griehi fuq dawn l-istess ufficjali tal-pulizija filwaqt li huma kienu qed jippruvaw irazznuh, certament iwassal sabiex huwa irredna ruhu hati tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 96.

Illi r-raba akkuza kontravvenzjonali dwar id-disubbidjena kommessa lejn ordni tal-pulizija, ikkontemplata fl-artikolu 338(ee) hija kompriza u involuta fit-tielet akkuza li dwarha ser tinsab htija u allura l-Qorti sejra issewgi dak stabbilit fl-artikolu 17(d) tal-Kapitolu 9 billi tinfliggi fuq l-appellat il-piena biss ghar-reat.

[2] Il-Pulizija vs John Mallia – App.Inf. 21/05/1960
[3] Appell Inf. Il-Pulizija vs Carmel Abela 14/11/1949

Finalment dwar r-reat ikkontemplat fl-ahhar akkuza, din il-Qorti hija perplessa kif l-Ewwel Qorti wasslet sabiex illiberat lill-appellat minn din l-akkuza ukoll meta irrizulta bhal fatt inkontestat illi huwa kien qed igorr fuqu mus minghajr il-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija[4]. Illi ghalkemm l-appellat jikkontendi illi dan il-mus huwa juzah fix-xoghol tieghu u dan sabiex jahrab is-sanzjoni tal-ligi[5], madanakollu ma iressaqx l-icken prova fir-rigward sabiex ikun jista' jigi ivverifikat in-natura ta' dan ix-xoghol.

Illi finalment il-Qorti tosserva illi billi il-kummissjoni tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 sehh fil-31 ta' Awwissu 2011, il-piena li ser tigi inflitta dwar l-istess ghandha tkun dik applikabbli f'dak iz-zmien u mhux dik applikabbli illum permezz tal-emendi li sehhew bl-Att V tal-2014.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qieghda tilqa in parte l-appell ta'l-Avukat Generali tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha fejn din illiberat lill-appellat mit-tielet akkuza, issibu hati tal-kumplament u wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 96, 151, 160 338(ee), 17(b)(d)(h) tal-Kodici Kriminali u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija, li wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum, kif ukoll ghal hlas ta' multa ta' €116.47.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment tordna il-konfiska tad-dokument KA5

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

---

[4] Ara xhieda WPS 102 Ruth Magro

[5] Artikolu 7(b) tal-Kapitolu 480